MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Appell Civili Numru. 397/2013/1

**Emanuel Aquilina, Rita Aquilina u Rose Calleja**

**v.**

**Carmen Gatt**

**Preliminari**

**1.** Dan hu provvediment dwar it-talba li saret mill-appellanti permezz ta' rikors tal-11 ta' Novembru 2013 f'din il-Qorti sabiex din il-Qorti a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta tirrimanda l-atti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex jiġi deċiż jekk l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta senjatament is-subiċiż 8 tiegħu jilledix id-dritt fundamentali tar-rikorrenti hekk kif sanċit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u kif ukol l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

**2.** Ir-rikorrenti appellanti jimmotivaw it-talba tagħhom billi jissottomettu li li wieħed mill-aggravji tagħhom fl-appell tagħhom huwa fis-sens li l-ewwel Qorti

straħet fuq l-Artikolu 12(8) tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex waslet għall-konklużjoni tagħha fejn ċaħdet it-talbiet tagħhom meta kif sottomess minnhom fl-appell l-Artikolu 12 imsemmi jilledi d-dritt fundamentali tagħhom kif sanċit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijeit Fundamentali tal-Bniedem u kif ukoll l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u jirrilevaw li l-Qorti Ewropeja diġa` kellha okkażjoni teżamina l-istess dispożizzjoni tal-liġi u sabet vjolazzjoni kif qiegħed jiġi minnhom allegat.

**3.** B'risposta tat-8 ta' Jannar 2014 l-intimata appellata Carmen Gatt wieġbet li r-rikors kif imressaq ma setax jintlaqa' minn din il-Qorti peress li f'dan il-każ ma setgħetx tintuza l-proċedura ta' riferenza skont l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni peress li dak li messhom għamlu r-rikorrenti kien li jintavolaw appell bil-lanjanza kostituzzjonali tagħhom quddiem il-Qorti Kostituzzjonali skont l-Artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni peress li mingħajr riferenza dik hija l-Qorti kompetenti fl-istadju tal-appell biex tisma' tali aggravji.

**4.** L-intimata appellata sostniet ukoll li l-kwistjoni kostituzzjonali li issa r-rikorrenti qegħdin jitolbu li tiġi riferita ġia` qamet quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili iżda f'dik l-istanza ma semmew xejn dwaru u dik il-Qorti fi kwalunkwe każ ma kienetx tkun tista' tagħmel riferenza u r-rimedju kien ikun dak suġġerit minnhom u ċioe` appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

**5.** Finalment l-intimata appellata sostniet li s-sentenzi invokati mir-rikorrenti appellanti ma jagħmlux għall-mertu tal-każ ta' llum u kkumentaw li kien ironiku kif fil-prim istanza ir-rikorrenti stess kienu straħu fuq id-dispożizzjonjiet tal-Artikolu 12 tal-Kap 158, illum minnhom impunjat bħala leżiv tad-drittijiet fundamentali tagħhom, u rritenew li interpretazzjoni korretta tal-istess dispożizzjonijiet kienet issostni t-talbiet tagħhom u ma jagħtux ħarsien lill-intimata appellata.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**6.** Fir-rikors tal-appell tagħhom l-appellanti jġibu 'l quddiem żewġ aggravji:

(a) fl-ewwel aggravju tagħhom isostnu li "fuq mertu simili" il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tat-3 ta' Ottubru 2000 li għaddiet in ġudikat fil-kawża fl-ismijiet **Mario Galea Testaferrata et v. Il-Prim Ministru, Il-Ministru tal-Ġustizzja et** kienet sabet vjolazzjoni u rriteniet li l-Artikoli 12(4) u (5) tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta kienu jivvjolaw id-dritt taċ-ċittadin għat-tgawdija tal-proprjeta' u jinsistu li għalkemm l-ewwel Qorti f'dawn il-proċeduri straħet fuq l-Artikolu 12(7) tal-Kap. 158 u mhux fuq dawk li dwarhom ingħatat id-deċiżjoni msemmija ir-raġunament tal-istess deċiżjoni kien *mutatis mutandis*

japplika għall-kawża ta’ llum u kkonkludew li fuq l-iskorta ta’ numru ta’ sentenzi ċitati minnhom din il-Qorti hi llum prekluża milli “tagħti lok” għal-liġi impunjata;

(b) fit-tieni aggravju tagħhom ir-rikorrenti appellanti jissottomettu li mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju tagħhom jekk din il-Qorti ma taqbilx ma’ dak minnhom sottomess fl-ewwel aggravju hemm lok għar-revoka tas-sentenza appellata peress li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta applikat l-Artikolu 12(8) tal-Kap. 158 għall-fattispeċi ta’ dan il-każ u dan għaliex skont ir-rikorrenti sabiex persuna tikkwalifika għall-konverżjoni ta’ ċens temporanju għal kera dik il-persuna trid qabel xejn tikkwalifika bħala enfitewta mentri skont ir-rikorrenti l-konvenuta ma tikkwalifikax bħala tali u ċioe` ma tikkwalifikax bħala enfitewta.

**7.** Kif rilevat (ara paragrafu **4** supra), l-intimata appellata fir-risposta tagħha għar-rikors odjern tgħid li l-kwistjoni kostituzzjonali li issa r-rikorrenti qegħdin jitolbu li tiġi riferita ġia` qamet quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili iżda f’dik l-istanza ma semma’ xejn dwaru. Huwa minnu li fl-ewwel istanza ma ngħad xejn dwar il-kwistjoni kostituzzjonali li tagħha qed tintalab riferenza bir-rikors preżenti iżda ma hemm xejn fl-atti tal-proċess fl-ewwel istanza li juri li l-istess kwistjoni kienet qatt ġiet sollevata f’dik l-istanza. Di fatti fl-ewwel istanza ebda kwistjoni ta’ xorta kostituzzjonali ma jirriżulta li qatt ġiet sollevata. Li jirriżulta mill-istess atti hu li l-kontenzjoni tar-rikorrenti appellanti f’dik l-istanza kienet unikament li l-Artikolu 12 tal-Kap. 158 ma kienx iħares lill-konvenuta peress li

dak l-artikolu jippresupponi li min jirrisjedi fil-fond għandu titolu ta’ enfitewsi jew sub-enfitewsi jew lokazzjoni mentri l-konvenuta ma għandha ebda wieħed mit-titoli msemmmija (ara nota tal-osservazzjonijiet a fol. 82-83). Fl-ewwel istanza r-rikorrenti appellanti mal-premess żiedu jissottomettu li l-konvenuta appellata ma ressqitx provi li użat il-fond in kwistjoni bħala residenza ordinarja tagħha kif trid il-liġi (fol. 83). Ma sar ebda aċċenn għal xi kwistjoni ta’ natura kostituzzjonali u s-sentenza apellata ma tiddeċiedi ebda materja ta’ dritt kostituzzjonali iżda hi deċiża unikament fuq l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-liġi ordinarja invokata fil-proċeduri quddiemha.

**8.** Fir-risposta tagħha l-intimata appellata ssostni li r-rikorrenti appellanti f’dan l-istadju ma jistgħux jitolbu riferenza tal-kwistjoni sollevata minnhom lill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili peress li dak li kellhom jagħmlu kien li jappellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti lill-Qorti Kostituzzjonali skont l-Artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni, haġa li ma għamlux.

**9.** L-Artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni fih diversi paragrafi li lkoll fiċ-ċirkostanzi hemm previsti jipprovdu li tista’ tiġi adita l-Qorti Kostituzzjonali. L-intimata appellata ma tispeċifikax liema huwa l-paragrafu li a tenur tiegħu issostni li r-rikorrenti setghu jappellaw quddiem dik il-Qorti iżda jidher li l-uniku paragrafu potenzalment applikabbli huma l-paragrafu (ċ) tas-subartikolu msemmi u ċioe` fil-każ ta’ “deċiżjonijiet tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili skont l-Artikolu 46” tal-

Kostituzzjoni. Kif ġia` ingħad, iżda, quddiem l-ewwel Qorti ma ġiet sollevata ebda kwistjoni skont l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ma tat ebda deċiżjoni dwar xi tali kwistjoni u għalhekk ir-rikorrenti qatt ma setghu jintavolaw xi appell lill-Qorti Kostituzzjonali kif pretiż mill-intimata appellata.

**10.** Aktar fiha fundament is-sottomissjoni tal-intimata appellata fejn tirrileva li r-rikorrenti appellanti fl-ewwel istanza kienu straħu proprju fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 12 tal-Kap 158 sabiex isostnu t-talbiet tagħhom u sabiex jinsistu li dak l-artikolu ma setax legalment jiġi invokat mill-intimata appellata sabiex tirrespinġi t-talbiet tal-rikorrenti appellanti.

**11.** Din il-Qorti tmur oltre u tirrileva li bit-tieni aggravju tagħhom fir-rikors tal-appell ir-rikorrenti appellanti għadhom isostnu l-istess pożizzjoni li ħadu fl-ewwel istanza u ċioe li l-Artikolu 12 tal-Kap. 158 korrettement interpretat skont kif isostnu huma ma jistax legalment jiġi invokat mill-intimata appellata sabiex tirrespinġi t-talbiet tagħhom u fuq din il-bażi qiegħdin isostnu li s-sentenza appellata għandha tiġi revokata.

**12.** Minn dan kollu jirriżulta li r-rikorrenti, għalhekk, permezz tal-appell tagħhom għadhom fil-kors li jeżawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli għalihom u tenut kont tal-aggravji miġjuba 'l quddiem fl-istess appell din il-Qorti għad

tista' tagħtihom raġun fil-mertu tal-pretensjonijiet kollha li minnhom jilmentaw b'mod li jekk takkolji din il-Qorti takkolji t-tieni aggravju tagħhom ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' xejn li din il-Qorti tinvesti l-kwistjoni kostituzzjonali u konvenzjonali li tagħha r-rikorrenti qiegħdin jitolbu riferenza. Dan hu proprju dak mistenni mill-Kostituzzjoni u mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja li jirrikjedu li qabel persuna tadixxi lill-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali għandha qabel xejn tkun eżawriet ir-rimedji ordinarji disponibbli għaliha u dan ir-rikorrenti għadhom ma ghamluhx (ara wkoll id-deċizjoni ta' din il-Qorti tas-26 ta' April 2013 fil-kawża fl-ismijiet **Kummissarju tal-Art v. Alfred Scerri et**).

**13.** Fir-rikors tal-appell tagħhom ir-rikorrenti appellanti jġibu 'l quddiem it-tieni aggravju tagħhom bħala wieħed mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju tagħhom iżda għall-finijiet tat-talba ta' riferenza preżenti u sabiex jiġi deċiż jekk l-istess talba hijiex waħda sempliċement frivola jew vessatorja kif previst fl-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni invokat mir-rikorrenti dak it-tieni aggravju jakkwista importanza determinanti u għalhekk, bħala loġika ġuridika, għall-finijet tar-rikors odjern din il-Qorti kellha neċessarjament tieħu konjizzjoni tiegħu in linea prinċipali u mhux in linea subordinata.

**Provvediment**

Għaldaqstant peress li l-Qorti hi tal-fehma illi t-tqanqil f'dan l-istadju tal-kwistjoni kostituzzjonali u konvenzjonali sollevata mir-rikorrenti hi semplicement frivola u vessatorja għat-tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(3)(8) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319) qegħdha għalhekk tiċħad it-talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tibgħat il-kwistjoni msemmija quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

L-ispejjeż ta' dan l-inċident ikunu a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------